MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 315/2012

**Harry CUTAJAR**

**vs**

**Eugenio BARTOLO**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fl-20 ta’ April, 2012 u li permezz taghha l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf mija u disghin euro (€1,190) u dan wara li ppremetta hekk:

“Illi inti debitur tieghu fis-somma ta’ €1,190 oltre l-imghax legali ta’ sbatax-il xahar sehmu mill-kera tal-fond Papa Mario, Sliema Road, Gzira, ghal perjodu bejn Dicembru 2009 sa April, 2012 li ngabru minnek u qabel mill-mejjet James Grech, li inti legatarju tieghu skond testment tal-11 ta’ Gunju, 2003 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi l-mejjet James Grech u issa l-konvenut bhala legatarju tieghu u l-attur jircievi l-kera minghand Roger Calleja tal-fond in kwistjoni, skond skrittura ta' Dicembru, 1998 iffirmata minnhom quddiem in-Nutar Pierre Attard li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

Illi wara li thallsu lil Emanuel Grech, illum mejjet, u li l-konvenut huwa eredi tieghu, li kien l-inkwilin tal-fond in kwistjoni, l-kontendenti jaqsmu bejniethom il-kera tas-subinkwilinat li ghandhom ma' Roger Calleja li jammonta ghal zieda fuq il-kera li talvolta kienet dovuta lil Emanuel Grech l-ammont ta' €140 fix-xahar, biex b'hekk sehem l-attur kien jammonta ghal €70 fix-xahar.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat-28 ta' Gunju, 2011 fil-kawza fl-ismijiet Harry Cutajar vs Eugenio Bartolo, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C, inti gejt gja kkundannat biss thallas il-kera ghal perjodu bejn Dicembru, 2009 u April, 2012;

Illi ghalhekk inti moruz fi hdax ta' sbatax-il xahar sehemu mis-subinkwilinat fuq imsemmi tal-fond Papa Mario, Sliema Road, Gzira ossia bejn Dicembru 2009 u April, 2012;

Ghaldaqstant, jghid l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar, m'ghandux:

1. Jikkundannak thallas lill-attur is-somma ta' €1,190 oltre l-imghax legali ta' sbatax-il xahar sehemu mill-kera tal-fond Papa Mario, Sliema Road, Gzira ghal perjodu bejn Dicembru 2009 sa April 2012, migbura mill-konvenut u qabel mill-mejjet James Grech, li l-konvenut huwa legatarju tieghu skond testment tal-11 ta' Gunju, 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Attard, hawn anness bhala Dok. A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju nru 1187/12 u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-28 ta’ April, 2012, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar id-29 ta’ Mejju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-29 ta’ Mejju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra d-dokumentazzjoni esebita u cioe:

**a) Testment datat 11 ta’ Gunju tas-sena 2003 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard;**

Permezz ta’ dan it-testment, Giacomo maghruf bhala Jimmy Grech <u>fir-raba’ artikolu</u> tal-imsemmi testment tieghu ordna li:

“*It-Testatur jhalli b’titolu ta’ legat lil Eugenio Bartolo bin Giuseppe Bartolo u Carmela nee’ Galea is-sehem tat-Testatur tal-kera li tkun qed tithallas, minn zmien ghal zmien, kif ukoll kull rigal li jista jkun dovut minn zmien ghal zmien ghall-fond maghruf The Cottage gia Papa Mario, f’Sliema Road, Gzira kif ukoll kull dritt personali li ghandu t-Testatur fuq l-imsemmi fond. Ghal kull buon fini t-Testatur jiccara illi mill-kera dovuta lilu nofs hija dovuta lil Harry Cutajar*” (fol. 4)

**b) Skrittura privata iffirmata f’Dicembru, 1998** minn James Grech, Roger Calleja u Henry sive Harry Cutajar. Permezz ta’ dan il-ftehim:

i. James Grech u Roger Calleja rrikonoxxew lill-Harry Cutajar bhala ko-sullokatur, flimkien mal-komparenti James Grech, tal-istess fond fuq deskritt[1]; u

ii. Fl-istess waqt, l-istess Harry Cutajar qieghed jidher u jirrikonoxxi lill-komparenti Roger Calleja bhala sub-inkwilin tal-istess fond fuq deskritt taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmi ftehim datat 19 ta' Ottubru, 1998 li ghall-istess fini u effetti kollha tal-ligi, ghandu jitqies illi qieghed jigi emendat fis-sens hawn fuq spjegat u miftiehem bejn il-partijiet komparenti;

**c) Dikjarazzjoni causa mortis datata 23 ta' Ottubru, 2009 fl-atti tan-Nutar Dott. Gabrielle Cassar**.

**d) Sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Gunju, 2011 fl-ismijiet Harry Cutajar vs Eugenio Bartolo;**

Dik l-Onorabbli Qorti, wara li rrevokat is-sentenza ta dan it-Tribunal ghaddiet biex tikkundanna lill-konvenut Eugenio Bartolo sabiex ihallas lill-attur Harry Cutajar is-somma ta' €777 rapprezentanti sehem l-attur mill-kera tal-fond Papa Mario, Sliema Road, Gzira ghall-perjodu bejn Jannar 2009 u Novembru 2009 (cioe hdax-il xahar kera) migbura mill-konvenut u qabel mill-mejjet James Grech, bl-imghax legali mill-1 ta' Novembru, 2009 sal-effettiv pagament.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf mija u disghin euro (€1,190), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

[1] Bar u Restaurant maghruf bl-isem Papa Mario, bin-numri 24 u 25, sitwat f'Sliema Road, gewwa l-Gzira;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------